MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1927/2001/1

**Maltacom plc**

**Vs**

**JRD Systems Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u tnejn u tletin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm1332.56), hlas ghal servizz li gie pprovdut lis-socjeta konvenuta li jikkonsisti f'approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekomunikazzjoni bejn it-3 ta' Settembru 1998 u t-30 ta' April 2001.

Ra r-risposta li giet prezentata mis-socjeta konvenuta u li permezz taghha eccepiet:

1. Illi s-socjeta konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hija qatt ma qabbdet lis-socjeta attrici sabiex taghmel xi xogholijiet ghaliha;

2. Illi t-talba tas-socjeta attrici hija preskritta skond l-Artikolu 2149 tal-Kap. 16;

3. Illi f'kull kaz il-hlas pretiz huwa ezagerat.

Semgha l-provi li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti.

1. B'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni t-Tribunal jaghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Maltacom plc vs ICL Malta Limited** [Avviz numru 1847/01AE] deciza fl-4 ta' Gunju 2002. A skans ta' ripetizzjoni inutli, t-Tribunal qieghed jaddotta l-istess ragunament fis-sens li kwalsiasi servizz kien inghata mis-socjeta attrici, li wara kollox kienet qeghda tiehu hsieb il-hrug tac-certifikat Type Approval Service [ara wkoll **Maltacom plc vs Falcon 2000 Ltd** (Avviz numru 2042/01AE) u **Maltacom plc vs Falcon 2000 Ltd** (Avviz numru 1897/01AE) decizi fil-25 ta' Settembru 2002] . Ghalhekk din l-eccezzjoni hija michuda.

2. Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, it-Tribunal jaghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Maltacom plc vs Forestals** (Appliances) Limited [Avviz numru 1872/01AE] deciza fit-22 ta' Ottubru 2002, u jikkonferma li l-ghoti ta' certifikat Type Approval ma jaqax taht wiehed mic-cirkostanzi li huma kkontemplat fl-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

3. Fir-rigward tal-meritu, is-socjeta konvenuta qeghda tikkontendi li l-ammont pretiz huwa wiehed eccessiv. Ir-rati li kienu gew stabbiliti fl-Avviz Legali numru 220 ta' l-1998 jistghu jservu biss ta' gwida, u dan billi l-ligi pprovdiet espressament ghal hlas dovut lir-Regolatur tat-Telekomunikazzjoni. Il-ligi ma ssemmi xejn dwar il-hlas li ghalih huwa ntitolat l-espert (igifieri l-Maltacom plc).

4. Wara li qies ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz [inkluz dak li m'huwiex ikkontestat mis-socjeta konvenuta – fol. 34] u anke l-provi li tressqu mill-partijiet, it-Tribunal qieghed *arbitro boni viri* jiffissa s-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350) bhala l-ammont dovut mis-socjeta attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350). Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

Spejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**